QALA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qala

# IS-SEBA` LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 36

L-Erbgha 4 ta' Lulju 2018

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa` fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz Centru Civiku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala, fis-6:30 ta' filghaxija.

PREŻENTI:

Paul Buttigieg – Sindku
Jesmond Borg – Vici Sindku
Paul Buttigieg - Kunsillier
Karl Buttigieg – Kunsillier
Sammy Curmi – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Hadd

ASSENTI

Hadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marcia Borg – Segretarja Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresjeda l-laqgha.

## 36.1 Qari tal-ittri tal-apologiji.

36.1.1 Ma kien hemm ebda ittra tal-apologiji.

## 36.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti.

36.2.1 Peress li l-minuti tal-wiehed u tletin u tat-tnejn u tletin laqghat tqassmu qabel dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

## 36.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku.

36.3.1 Ghal din il-parti tal-laqgha gie mistieden il-kuntrattur Mario Gatt u l-Perit Edward Scerri sabiex jigu diskussi xi kontijiet li l-Kunsill ghandu dwar xoghol li sar fil-gnien ta' rikreazzjoni fi Triq l-Imgarr. Il-Perit ta spejgazzjoni tax-xoghol li kellu jsir, fejn huwa semma li l-art riedet tigi *levelled* sabiex setghu jigu mhawwlu l-pjanti. Huwa semma li kellu jitnehha l-hamrija kif ukoll kien hemm it-tafal. Huwa semma li huwa ccertifika dan ix-xoghol. Wara li telqu l-Kunsill iddiskuta dan u ddecida li peress li x-xoghol sar fi zmien meta l-Onor. Perit Clint Camilleri kien Sindku, ghandha tinbghat *email* lilu sabiex jivverifika kienx ordna dan ix-xoghol u imbaghad skond ir-risposta l-Kunsill jara ghandhomx jithallsu jew le.

36.3.2 Is-Sindku semma li l-Perit Godwin Sultana tkellem mal-kuntrattur Gatt Tarmac Ltd. sabiex jinghata bidu ghax-xoghol ta' *surfacing* bit-tarmak f'parti minn Triq ta' Kassja. Gie diskuss il-*culvert* tal-ilma tax-xita li hemm vicin din it-triq u li qatt ma hadem. Is-Sindku semma li ser jaraw ftit sabiex jkun jista jittranga. Huwa semma wkoll li l-Perit ser jitkellem mal-Inginier Charlie Camilleri minhabba x-xoghol fuq is-sistema tad-drenagg fi Triq gdida fi Triq il-Mithna fejn ser isir xoghol ta' *surfacing* bit-tarmak ukoll, sabiex jibda kemm jista jkun malajr halli jehles.

36.3.3 Is-Sindku semma li l-Perit Godwin Sultana pprepara zewg applikazzjonijiet sabiex jigu *trimmed* il-harrub li hemm fi Triq Wied Simar u Triq il-Belvedere.

36.3.4 Is-Sindku semma li l-Ministeru ghal Ghawdex ser jaghtu lill-Kunsill izjed fondi ghall-*Qala International Folk Festival* ta' din is-sena. Huwa semma li gew kkonfermati zewg gruppi folkloristici barranin li huma mill-Irlanda u mir-Russia. Il-Vici Sindku Jesmond Borg semma li l-kelliem Vincent Zammit ikkonferma li ser jiehu sehem fil-Konferenza Internazzjonali li jsir kull sena. Huwa semma wkoll li ser terga jsir l-esebizzjoni tal-bolol fil-Muzew Folkloristiku. Il-*compares* waqt dan il-*festival* ser ikunu persuni mill-lokalita` tal-Qala.

36.3.5 Is-Sindku semma li huwa applika sabiex isir WIFI fil-pjazza San Guzepp izda ma kienx jaf li ser jigi mqabbad mal-propjeta` ta' John Buttigieg u ghalhekk il-Kunsill ircieva ittra minghand l-Avukat Angele Formosa f'isem is-Sur Buttigieg, sabiex dan il-WIFI jitnehha. Is-Sindku semma li sabiex isir trasferiment il-Kunsill irid ihallas €200 u ghalhekk ser jigi trasferit.

QALA

36.3.6 Is-Sindku semma li l-Kunsill ircieva ittra mill-Qala Saints Football Club dwar ilment taghhom ghall-ftuh tal-gabbana *Snack Roadhouse* waqt l-attivita` *Hondoq by Night*. Il-Kunsill iddecida li ghandu jigi kkuntatjat sid din il-gabbana u jigi ccekkjat il-permess li huwa ghandu.

36.3.7 Saru talbiet ghal zewg bozoz godda, wahda fi Triq il-Kuncizzjoni lamp 375 u l-ohra fi Triq ta' Cini lamp 376. Dawn ntbghatu lil Galea Curmi Engineering sabiex isir applikazzjoni.

36.3.8 Is-Sindku ressaq zewg talbiet ghal *double yellow lines* fi Triq Federico Barocci u Triq il-Mithna.

36.3.9 Il-*Head* ta' *Transport Malta* Ghawdex Ruben Said ressaq talba sabiex isir *double yellow line* faccata ta' *garage* fi Triq il-Papa Piju XII.

36.3.10 Korrispondenza li ghaddiet bejn il-Kunsill u l-Ministeru ghal Ghawdex dwar talba sabiex il-Qala Saints FC jinghataw €2,000 ghall-organizzazzjoni tal-attivita` *Hondoq by Night* 2018.

36.3.11 Ittra mibghuta minn Frans A. Attard dwar il-*Heritage Trail* tal-lokalita`.

36.3.12 Ittra mibghuta minn Ruben Said *Head* tat-*Transport Malta* Ghawdex dwar it-*traffic management* fi Triq il-Qala ma Triq il-Mithna u ma Triq in-Nadur fejn ma sabux oggezzjoni.

36.3.13 Ittra mibghuta minn Lianne Mifsud Agent Segretarju Ezekuttiv mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, dwar permess biex jitqieghed *mobile kiosk* fi sit f'Hondoq ir-Rummien.

36.3.14 Ittra mibghuta mill-Onorevoli Aaron Farrugia Segretarju Parlamentari ghall-Fondi Ewropej u Djalogu Socjali dwar sejha ghal fondi taht il-*Connecting Europe Facility-Telecom-WiFi4EU-Free Wifi for Europeans* li hija miftuha.

36.3.15 Ittra minghand Gabriel Vella mill-Ghaqda Briju San Guzepp dwar stima ghal attivita` f'Jum il-Qala 2018.

36.3.16 Ittra minghand l-Arcipriet Dun Nazju Borg u Christian Mifsud President tal-Ghaqda Briju San Guzepp dwar attivita` fit-2 ta'Awwissu 2018 inkonessjoni mal-festa tar-rahal. Il-Kunsill qabel ma dan.

36.3.17 Ittra mibghuta minn Tanya Mercieca Asst. Auditor General mill-*National Audit Office* fejn anness bghatet il-*management letter* kif ukoll kopja ta' l-*audit report* u l-*financial statements* ghas-sena finanzjarja li ghalqet fit-31 ta' Dicembru 2017.

36.3.18 Diversi korrispondenza dwar l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA/07579/16 u l-appell 00155/17. Ittra mibghuta minn Vince Grech mill-Awtorita` tal-Ippjanar dwar rapport ippreparat mill-*Environment and Planning Review Tribunal Second Statement*. Kopja ta' ittra li giet mibghuta mill-Avukat Carmelo Galea lis-Segretarju tat-Tribunal ta' Revizjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fejn f'isem l-appellanti bghat risposta ghal dan ir-rapport. Ittra ohra minn Vince Grech mill-Awtorita` dwar rapport ippreparat mill-*Environment and Planning Review Tribunal Third Statement.* Ittra ohra mibghuta mill-Avukat Carmelo Galea f' isem l-appellanti, lit-Tribunal dwar nota tal-appellant.

36.3.19 Notifika t'avviz mibghuta minn Louise Cremona ghac-*Chairperson* Ezekuttiv tal-Awtorita` tal-Ippjanar b'referenza EC/00088/18, fejn b'din l-istess notifika nformat lill-Kunsill li l-Awtorita` harget Avvizi ta' Infurzar u kopja ta' dan qed jigi anness ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

36.3.20 Ftehim li saru bejn il-Kunsill u l-Ministeru ghal Ghawdex. Ftehim minnhom fejn il-Ministeru ser jaghti lill-Kunsill 80 pjanta Demortifeka u 80 pjanta simili tad-Demortifeka biex jithawwlu fi Gnien tal-Belvedere, ftehim iehor fejn il-Ministeru ser jaghti lill-Kunsill 100 Turbacia u 50 Metrosideros ghal Belvedere ukoll u ftehim iehor fejn il-Ministeru ser jaghti ghotja ta' €517.50 ghal xi spejjes tal-attivita` *Gozo Alive*.

36.3.21 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lic-*Chairman* tal-Awtorita` tal-Ippjanar fejn il-Kunsill talab sabiex ikun registrat bhala *objector* fl-istadji kollha tal-process tal-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA/2680/08.

36.3.22 Giet mibghuta ittra lil *Case Officer* tal-Awtorita` tal-Ippjanar fejn il-Kunsill talab laqgha mieghu sabiex tigi diskussa l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA/00937/17. Il-Kunsill ircieva *acknowledgment* ghal din l-ittra. Giet mibghuta ittra ohra mill-Kunsill lic-*Chairman* CEO tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma fejn gie mitluba laqgha mieghu dwar din l-istess applikazzjoni.

36.3.23 Gie trattat r-rapport tal-*financial statements* ghas-sena finanzjarja Jannar-Dicembru 2017 li gie rrevedut. Il-Kunsill unanimament approva dan ir-rapport u l-*financial statements*.

36.3.24 Kwotazzjoni dwar *crosscote* minghand *Anti-Slip Solutions*.

36.3.25 Ftehim li sar bejn il-Kunsill Lokali Qala u l-WasteServ Malta Ltd kuntratt numru 220-18 dwar il-gbir tal-iskart organiku fil-lokalita`.

36.3.26 Is-Segretarja Ezekuttiv talbiet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex xi granet tal-*vacation leave* tas-sena 2017 tal-iskrivana li ma giex mehud, jigi akkumulat ghas-sena 2018. Il-Kunsill qabel ma dan.

36.3.27 Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mit-28 ta' Marzu 2018 sal-4 ta' Lulju 2018 minn referenza numru 52/18 sa referenza numru 105/18 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 22/18 sa referenza numru 55/18 (registru tal-ilmenti xogholijiet).

## 36.4 Twegibijiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

36.4.1 Il-Vici Sindku Jesmond Borg semma li ghandha tintbghat l-ittra lir-residenti ta' Villagg San Guzepp fejn jigu nformati li ser ikunu responsabbli huma taz-zibel li qed jinhareg quddiem dan il-Villagg li qed jispicca jkun hemm mizbla. Huwa semma wkoll il-qtuh ta' haxix fi Triq il-Wileg. Gie diskuss li filfatt dan il-haxix qed jinqata`.

36.4.2 Il-Kunsillier Sammy Curmi semma li ghandu jinqata` xi haxix fi Triq il-Wardija, dan ukoll kienu ntbghatu l-haddiema sabiex isir. Huwa semma wkoll li ghandhom jittrangaw ir-*roundabouts* li hawn fil-lokalita` peress li kollha mkissrin.

36.4.3 Il-Kunsillier Paul Buttigieg rega` semma li ghandu jinbena hajt tal-kantun fi Triq in-Nigret peress li huwa tal-periklu ghal kull minn jghaddi minn hemm. Is-Sindku Paul Buttigieg semma li l-Ministeru ghal Ghawdex ser jaghmluh b'dawk il-haddiema li qeghdin jirrangaw il-hitan fi Triq tac-Cawl. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li sew kieku ghalissa jithalla ftit il-hajt tac-Cawl u jsir dak ta' Triq Nigret peress li huwa aktar importanti.

## 36.5 *Playing Fields.*

36.5.1 Ghal din il-parti tal-laqgha s-Sindku stieden lil Perit Godwin Sultana. Is-Sindku semma li l-Ministeru ghal Ghawdex ghandhom skema dwar it-tibdil tas-*safety mats* tal-*playing fields*. Huwa semma li ghalhekk is-*safety mats* tal-*Playing Field* Magistrat Salvu Attard u 'Gnien il-Familja' ser jinbidlu permezz ta' din l-iskema. Is-Sindku semma wkoll li l-*gazebo's* li hemm fi 'Gnien il-Familja' ser isirilhom l-manutenzjonijiet fihom mic-CMU. Il-*playing field equipment*, ghamara, dawl u l-art ser ikunu ghas-spejjes tal-Kunsill. Il-Kunsill ircieva ittra minghand ic-*Chairman* tal-Kunsill Ezekuttiv Johann Buttigieg tal-Awtorita` tal-Ippjanar dwar inizjattiva gdida bl-isem Sebbah il-Lokal fejn certu Kunsilli ser jinghataw €50,000 ghal xi progett. Ghalhekk peress li l-Kunsill huwa wiehed minn dawn il-Kunsill, iddecida li dawn l-fondi ghandhom jintuzaw sabiex jinxtraw dawn l-affarijiet. Il-Perit semma li huwa ser jaghmel disinn ghat-trangar tal-*playing field* Magistrat Salvu Attard flimkien ma *bill of quantities* li tikkopri l-ammont ta' €50,000. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li l-ewwel prijorita` ghandha tinghata lil *playing field equipment*. Il-Perit semma li huwa ser jaghmel disinn iehor ghal manutenzjoni tal-'Gnien il-Familja' bil-lest imbaghad il-Kunsill jara fil-futur dwar dan il-progett peress li bhalissa ghandu jinghata l-importanza lill-*playing field* Magistrat Salvu Attard.

## 36.6 Proposta ghal triq fit-2019.

36.6.1 Il-Kunsill iddiskuta li triq li ghandha bzonn li jsir xoghol ta' *resurfacing fiha* hija Triq iz-Zewwieqa. Il-Perit semma li din it-triq jista` jkun li ser isir mill-Ministeru ghal Ghawdex peress li diga` giet ippreparatha *bill of quantities*. Il-Kunsill iddecida li t-toroq li ghandu jsir xoghol ta' *resurfacing* fihom huma Triq iz-Zewwieqa, Triq il-Papa Piju XII u parti minn Triq il-Kuncizzjoni.

## 36.7 Stimi dwar it-toqob ghall-antarjoli.

36.7.1 Is-Sindku semma li ngabu xi stimi ghal toqob ghall-antarjoli tal-festa. Il-Kunsill qabel li ghandu jsir dan ix-xoghol.

## 36.8 Tigrija taz-zwiemel.

36.8.1 Il-Kunsill ircieva ittra minghand Jonathan Bajada mill-*Qala Horse Racing Committee 2018* fejn il-Kunsill gie mitlub l-ghajnuna ghal din it-tigrija bhas-snin precidenti. Il-Kunsill iddecida li ghandu jitlob stimi sabiex jinxtraw it-*trophies* ghal din it-tigrija.

## 36.9 Stimi tac-CCTV's.

36.9.1 Is-Sindku semma li ngabu xi stimi ghal installazzjoni ta' CCTV's wahda fejn il-*bring in sites* fi Triq ta' Kassja u l-ohra fi Triq il-Wileg. Ingabu stimi minghand J. Grima & Co. Ltd., Firetech, Joseph Mizzi u Joseph Michael Cefai. Wara li l-Kunsill studja dawn l-istimi iddecida li ghac-CCTV ta' Triq ta' Kassja ghandha tigi maghzula l-istima ta' Joseph Michael Cefai u ghac-CCTV ta' Triq il-Wileg ghandha tigi maghzula l-istima ta' Josef Mizzi.

## 36.10 Gemellagg ma Canale Monterano.

36.10.1 Is-Sindku semma li ser isir tabella bl-arma ta' Canale Monterano fl-istrip li hemm fi Triq l-Imgarr. Huwa semma li giet mistieden delegazzjoni mill-Canale Monterano ghall-*Qala International Folk Festival* 2018, izda ghadhom ma tawx risposta dwar humiex gejjien jew le.

## 36.11 Bankijiet ghal pjazza u *rubbish bins* godda.

36.11.1 Is-Sindku ppropona li ghandhom jigu installati xi tlett bankijiet ohra kif ukoll xi *rubbish bins* fi Pjazza San Guzepp ghax kien hemm minn talab dan.

## 36.12 *Speed humps* fi Triq il-Wileg u Triq Cini.

36.12.1 Is-Sindku semma li xi xahrejn ilu kienet saret applikazzjoni mill-Perit lil Transport Malta sabiex isiru l-*ispeed humps* fi Triq il-Wileg u Triq Cini, izda sallum il-Kunsill ghadu ma jrcieviex risposta.

## 36.13 Il-post tal-*kiosks* tal-ikel fil-festa ta' San Guzepp 2018.

36.13.1 Il-Kunsill ircieva ittra minghand l-Ghaqda Armar San Guzepp, Qala dwar ilment rigward il-gabbani tal-ikel li jkun hemm fi Pjazza Isqof Mikiel Buttigieg fil-jiem tal-festa. Gie mitlub sabiex dawn il-*kiosks* jinstabilhom post alternattiv iehor peress li kull sena qed jaghmlu l-hsara lill-armar. Il-Kunsill iddiskuta dwar post alternattiv. Is-Sindku ssuggerixxa li jitqeghdu fi Triq il-Kuncizzjoni fejn il-kunvent tas-sorijiet. Il-Kunsillier Paul Buttigieg ippropona f' parti minn Triq Lord Strickland vicin l-ITS peress li hemm ma joqghodux nies. Il-Kunsill qabel ma dan. Dwar it-tindif waqt il-festa, gie deciz li jintalbu tlett stimi.

## 36.14 Hatra ta' Bord tal-evalwazzjoni ghall-ghazla tal-offerti u kwotazzjonijiet.

36.14.1 Il-Kunsill iddecida li l-bord tal-evalwazzjoni ghall-ghazla tal-offerti u kwotazzjonijiet ghal provvista ta' konkos u xibka tal-hadid, provvista ta' ramel u zrar, gbir tal-iskart domestiku imhallat, gbir ta' skart goff u ghas-servizz ta' *open skips* ghandu jkun maghmul minn William Sultana Chairman, Marcia Borg Segretarja, Paul Buttigieg(Sindku) membru, Jesmond Borg membru u Karl Buttigieg membru.

## 36.15 Mozzjonijiet.

36.15.1 Ma kien hemm ebda mozzjonijiet.

QALA

### 36.16 Tmiem il-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

36.16.1 Il-laqgha ntemmet fit-8:30 ta' filghaxija u giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 4 ta' Settembru 2018.

Konfermati, illum 16 ta' Novembru 2018.

Paul Buttigieg
Sindku

Marcia Borg
Segretarju Ezekuttiv